Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2315

Kaz Numru 3200/MF

Fit-Tilwima tax-xoghol

Bejn

Bank of Valletta (BOV)

U

1. Malta Union of Bank Employees (MUBE)

2. General Workers Union (GWU)

Dwar jekk il-BOV ghandux jibqa jikkonsidera illi l-GWU ghandha l-gharfien ewlieni u f'kaz illi le, liema miz-zewg Unions intimati ghandha tinghata gharfien ewlieni mill-BOV ghall-haddiema kolpiti bil-ftehiem kollettiv illi ghalaq fit-31 ta' Dicembru 2013 ossia il-haddiema kollha fi gradi Manigerjali u dawk fi kradi Klerikali

Illum ~~13~~ 20 ta' Ottubru 2014

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)
Membri tal-Bord Mr. Reggie Fava u Mr. Paul Abela

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra mibghuta lill-Ministru datata 28 ta' Jannar 2014 mill-Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali minhabba li hemm tilwima fuq kwistjoni ta' rikonixximent.

Il-MUBE rrisponda billi fl-ewwel lok ecepixxa il-lis abili pendens u fit-tieni lok dan it-Tribunal ghandu jissoprassjedi sakemm tigi trattat u deciz kawza bin-numru 3127/HW

Illi l-GWU ddikjarat li ghandha l-gharfien ewlieni tal-ftehiem kollettiv u ghalhekk tishoqq li jkollha l-gharfien.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Dr. Noel Vella Direttur ghar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fejn inghata l-inkarigu sabiex jaghmel verifika dwar is-shubija trejdunjonistika tal-haddiema tal-BOV. Mill-verifki li ghamel l-istess xhud iddikjara li il-GWU ghandha l-maggoranza tal-haddiema irregistrati maghha u mill-istess lista tal-MUBE jirrizulta illi ma ghandhomx maggorranza u dan apparti li sar checking dettaljat.

Xehed Mr. R Debattista li huwa Senior Manager Human Resources fejn ezebixxa lista bin-numru tal-impjegati dwar ic-check off's.

Xehed Anthony Scicluna Chief officer Human Resources fejn ezebixxa lista tal-impjegati tal-Bank of Valletta fil-grad manigerjali u tal-grad klerikali.

L-istess Dr. Noel Vella rega xehed fejn qal li inkluda ukoll il-General Duty Officer illi huma impjegati fuq kuntratt definit.

Xehed William Portelli bhala President tal-Malta Union of Bank Employees fejn ezebixxa diversi dokumenti u spjega il-posizzjoni tal-haddiema fuq kuntratt definit

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jiddeciedi fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Illi ghar-rigward l-ewwel eccezzjoni dan it-Tribunal jiddikjara illi t-talbiet fil-kawza 3127/HW huma differenti minn dawk li hemm quddiem dan it-Tribunal. Fil-kawza li ggib in-numru 3127/HW hemm it-talba dwar ir-rikonoxximent tal-istess MUBE bhal l-Union rikonoxxuta ghall-finijiet tal-Ligijiet industrijali. Jidher illi qieghed jigi kkontestat jekk il-Bank of Valletta imxietx tajjeb meta bidlet l-gharfien tal-Union. Dan it-Tribunal mhuwiex ser jidhol fil-mertu. Li ghandu dan

it-Tribunal hija talba specifika sabiex tiddeciedi liema Union ghadha il-maggoranza tal-haddiema. It-Tribunal ma jhossx li dan huwa kaz ta' lis abili pendens u li ghalhekk ma ghandhux jissoprassjedi sakemm tigi trattat u deciz il-kawza bin-numru 3127/HW

It-Tribunal dahel fil-mertu sew tal-kaz u ghalhekk ingagga lid-Direttur ghar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg jistharreg ma liema Union huma assocjali l-haddiema. It-Tribunal qieghed jaghmilha cara illi dawk il-haddiema li huma fuq kuntratt definit maghrufin bhala General Duty Officers qieghed jikkunsiderhom bhala haddiema li jimmeritaw li jkunu inkluzi fil-lista ta' haddiema li ghadhom jigi maghduda bhala impjegati tal-Bank of Valletta u intitolati li jkunu fil-Union u ghalhekk id-Direttur kien korrett meta ghoddhom bhala membri ta' Union bhala haddiema tal-Bank of Valletta. It-Tribunal ihoss illi ma ghadhux ikun hemm diskriminazzjoni kontra l-haddiema fuq kuntratt definit, Dawn huma haddiema bhal ohrajn bl-istess drittijiet.

F'dan il-kaz jirrizulta ampjament illi l-haddiema tal-Bank of Valletta fi gradi klerikali u tal-managemant ghazlu fil-maggoranza taghhom lill-GWU bhala l-Union li tirraprezenta l-maggorranza tal-haddiema. Dan gie konkluz wara li Dr. Noel Vella pprezenta r-rapport tieghu dettaljat ta' kif wasal ghal din il-konkluzjoni. Dan it-Tribunal ma mexiex skond l-informazzjoni li ghandha l-Bank of Valletta kif kien il-kas qabel.

Ghalhekk ghar-rigward it-talbiet tal-Bank of Valletta dan it-Tribunal qieghed jichad l-ewwel talba ghax mhiex ser tidhol fil-mertu jekk ghandha d-dritt li kompli jikkunsidera illi l-GWU ghandha l-gharfien ewelieni imma tilqa it-tieni talba u tiddeciedi illi l-GWU ghandha d-dritt ewlieni minn issa sabiex tirraprezenta l-haddiema kollha tal-BOV go grad manigerjali u dawk fi grad klerikali

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidra l-istqarrijiet u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-GWU hija l-Union li ghandha l-maggaorrzna tal-haddiema fi grad Manigerjali u fi grad klerikali.

Għaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeċiedu billi jilqa' dan ir-rikors bl-ispejjes kontra l-MUBE.

Għall-finijiet ta' L-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disgħin euros (euros 93).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)
Dr Martin Fenech
Chairman

(iffirmat)
Reginald Fava
Membru

(iffirmat)
Paul Abela
Membru

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Għas-Segretarju